

# Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Pjan Pastorali Djoċesan**

**2013-2016**

*Introduzzjoni*

## *“Mgħallem tajjeb”*

1. “Kien se jaqbad it-triq, meta mar fuqu wieħed jgħaġġel, niżel għarkupptejh quddiemu u qallu: ‘Mgħallem tajjeb, x’għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta’ dejjem?’. ‘Għaliex qiegħed issejjaħli “tajjeb”?’, qallu Ġesù, ‘ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss. Inti l-kmandamenti tafhom: la toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta’ ħaddieħor; weġġaħ lil missierek u ’l ommok’. U dak wieġbu u qallu: ‘Mgħallem, jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti’. Imbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta’ mħabba u qallu: ‘Ħaġa waħda tonqsok: mur bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja’” (Mk 10,17-22).

2. Persuna anonima tersaq tgħaġġel fuq Ġesù, tinżel għarkupptejha quddiemu, twettaq ġest reliġjuż ta’ qima u tagħmel mistoqsija li tmiss is-sens profond tal-ħajja: “X’għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta’ dejjem?”. Id-dettalji qosra ta’ din il-ġrajja huma mimlija tifsir. Ġesù hu ppreżentat miexi fit-triq lejn Ġerusalemm, fejn se sseħħ l-għotja tiegħu fuq is-salib għas-salvazzjoni tal-umanità. Ġesù jinsab imdawwar bid-dixxipli tiegħu, jiġifieri dawk li huma mexjin warajh, fl-istess triq, lejn l-istess ġrajja. Lil din il-persuna li tersaq lejh, Ġesù jagħmlilha l-istess proposta li għamel lid-dixxipli kollha tiegħu: “Imxi warajja”. Din hi s-sejħa fundamentali li Ġesù jagħmel lil kull persuna fl-istorja. Hi s-sejħa li l-Knisja ġġedded fiż-żmien fil-ministeru tagħha ta’ qadi lill-bnedmin.

3. Il-ġrajja tesprimi l-bżonn reliġjuż moħbi fil-bniedem, li fil-fond ta’ qalbu jitqanqlu mistoqsijiet li jfittxu tifsira biex jagħtu sens u

direzzjoni lill-ħajja personali u tal-komunità tal-bnedmin. Il-bżonn iqanqal il-mistoqsija; il-mistoqsija tfittex tweġiba. Il-Knisja tħares lejn Ġesù, l-Imgħallem Tajjeb, dak li jista' jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-umanità, u f'isem il-bnedmin tistaqsih illum ukoll: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?". B'umiltà kbira u b'fedeltà għas-sejħa tagħha, il-Knisja ma tiqafx tipproponi f'kull żmien l-istess tweġiba ta' Ġesù, biex il-bnedmin jiksbu l-ħajja ta' dejjem. Hi u titħejja biex fis-16 ta' Settembru 2014 tfakkar il-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha, il-Knisja f'Għawdex tinżel għarkupptejha quddiem Ġesù u tagħrfu bħala l-Imgħallem tagħha li għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem (ara Ġw 6,68).

4. Is-silta evanġelika li fuqha hu mibni dan il-Pjan Pastorali Djoċesan għandha rabta mill-qrib mal-Pjan Pastorali Djoċesan 2012-2013,[1] ippubblikat fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi. Filwaqt li l-Pjan Pastorali Djoċesan 2012-2013 kellu fiċ-ċentru tiegħu x-xewqa li naraw lil Ġesù (ara Ġw 12,21), dan il-Pjan Pastorali Djoċesan jimxi pass ieħor 'il quddiem: mix-xewqa li naraw lil Ġesù jeħtieġ naslu biex nisimgħu lil Ġesù jgħidilna x'għandna nagħmlu biex nakkwistaw il-ħajja.

[1] Djoċesi ta' Għawdex, *Nixtiequ naraw lil Ġesù (Ġw 12,21)*, Pjan Pastorali Djoċesan 2012-2013, 3.

## *L-ewwel parti*

# *"Ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss"*

### **It-tjubija ta' Alla**

5. "'Għaliex qiegħed issejjaħli "tajjeb"?', wieġeb Ġesù, 'ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss'". B'mod naturali, il-bniedem ifittex dak li hu tajjeb, għax jaf li t-tajjeb biss jixraqlu, it-tajjeb biss jissodisfah u jimlielu qalbu. Fit-tweġiba tiegħu, Ġesù jistqarr li Alla hu l-istess tjubija, Alla hu l-essenza tat-tjubija. Alla għamel kollox mit-tjubija tiegħu, u kulma joħroġ minn idejh huwa tajjeb. Fl-ewwel rakkont tal-ħolqien, li jilħaq il-qofol tiegħu fil-ħolqien tal-bniedem, raġel u mara, l-awtur sagru jistqarr: "U ħares Alla lejn kulma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1,31).

6. It-tjubija ta' Alla hi hekk kbira li tista' toħloq skandlu![2] Hu jifrex tjubitu fuq kulħadd, anki fuq min jagħmel il-ħażen, għax "Alla l-Għoli hu tajjeb mal-ingrati u l-ħżiena" (ara Lq 6,35), u "jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex" (Mt 5,45). It-tjubija ta' Alla tinkarna b'mod li jidher fil-ħajja ta' Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb li jagħti ħajtu għall-merħla (ara Ġw 10,11). Il-ħajja kollha ta' Ġesù hi mmarkata minn din it-tjubija tal-Missier lejn il-bnedmin. Hi mħabba li tħaddan lil kulħadd. Ġesù ma staħax jissejjaħ "ħabib tal-pubblikani u l-midinbin" (Mt 11,19). Fil-ministeru tiegħu, Ġesù wera mħabba speċjali għal dawk li kienu mgħobbija bil-madmad tal-mard: "Kollox għamel tajjeb: jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin" (Mk 7,37). Paradossalment, it-tjubija ta' Alla dehret fl-aqwa tagħna fejn intwera l-ikbar ħażen tal-bniedem, jiġifieri fil-mewt vjolenti ta'

[2] Ara Mt 11,6; Lq 7,23; 1 Kor 1,18.23.

Ġesù, fejn "Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (Rum 5,8). Quddiem din it-tjubija kbira ta' Alla li dehret fi Kristu, l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann jistqarr: "Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin" (1 Ġw 4,11).

**Il-Knisja qaddejja tat-tjubija ta' Alla**

7. "(Il-Knisja) teżisti biex tevanġelizza, jiġifieri biex tipprietka u tgħallem, biex tkun il-kanal tal-grazzja, biex tħabbeb mill-ġdid il-midinbin ma' Alla, tkompli s-sagrifiċċju ta' Kristu fil-Quddiesa li hi t-tifkira tal-mewt u tal-qawmien glorjuż tiegħu".[3] Il-Knisja hi mibgħuta biex ixxandar lil kulħadd li "waslet is-Saltna ta' Alla" (ara Lq 10,11). Bħal Ġesù, il-Knisja mhix imsejħa biex tħabbar il-kundanna tal-bnedmin, imma s-salvazzjoni ta' Alla, għax "Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu" (Ġw 3,17). Għalhekk il-Knisja ma tistax tagħmel *labelling* tal-persuni, u taqsam il-bnedmin f'kategoriji ta' tajbin u ħżiena, għax "il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla" (Lq 3,6). Il-missjoni tal-Knisja hi li tħabbar li fuq l-art waslet l-imħabba ta' Alla li ssalva; il-Knisja stess trid tkun "aħbar tajba". L-aħbar tal-imħabba ta' Alla trid tkun akkumpanjata minn "sinjali" li jfissru u juru fiex tikkonsisti s-Saltna ta' Alla fuq l-art u xi tfisser is-salvazzjoni: l-għoti tas-sliem fil-familji, il-fejqan tal-morda, il-ħelsien mix-xjaten (ara Lq 10,5-9; Mk 16,17-18). Dan jiddetermina l-ħidma tal-Knisja fost il-bnedmin.

8. Il-mewt sagrifikali ta' Ġesù żergħet mill-ġdid it-tjubija fid-dinja u mliet l-umanità b'tama ġdida, għaliex tħabbru "smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja" (2 Pt 3,13). Bid-demm tiegħu, Kristu "ġarraf il-ħajt li kien jifridna – il-mibegħda ta' bejnietna" u sawwar il-bniedem il-ġdid permezz tal-paċi u tal-

[3] Ġwanni Pawlu II, *Ecclesia in Europa*, 45.

ħbiberija ta' Alla (ara Ef 2,13-16). Fi Kristu, il-Bniedem il-ġdid, tkissru d-differenzi li jifirdu l-bnedmin minn xulxin u joħolqu diskriminazzjonijiet minħabba reliġjon, razza, kulur, sess jew stat soċjali, għax fi Kristu l-bnedmin kollha jgawdu mill-istess dinjità ta' wlied Alla (ara Kol 3,11; Gal 3,28).

9. Il-kobor ta' dan il-messaġġ irid jidher fil-ġesti u fil-kliem tal-Knisja. Il-predikazzjoni u l-katekeżi, sew liż-żgħar u sew lill-kbar, jeħtieġ iwasslu t-tjubija ta' Alla lejn il-bnedmin. Ħadd ma għandu jiġi eskluż mit-tjubija ta' Alla; ħadd m'għandu jiġi mwarrab mill-imħabba tal-Knisja Omm. Mhux messaġġi ta' ġudizzji, saħtiet u kundanni, imma jdejn miftuħa lesti dejjem biex jilqgħu lil min iħossu mbiegħed mid-dar (ara Lq 15,20). "Omelija sabiħa, omelija vera, trid tibda bl-ewwel tħabbira, bl-aħbar tas-salvazzjoni. Mhemm xejn aktar sħiħ, profond u ċert minn din l-aħbar. Imbagħad trid tingħata l-katekeżi. Fl-aħħar wieħed jista' jiġbed ukoll konsegwenza morali. Imma l-aħbar tal-imħabba ta' Alla tiġi qabel l-obbligu morali u reliġjuż. Illum xi drabi jidher li jseħħ bil-maqlub. L-omelija hi l-qasba tal-kejl biex wieħed iqis kemm ragħaj hu qrib jew kapaċi jiltaqa' mal-poplu tiegħu, għaliex min jipprietka jeħtieġ jagħraf il-qalb tal-komunità tiegħu biex ifittex fejn tinsab u qed taħraq ix-xewqa ta' Alla. Il-messaġġ tal-Vanġelu ma jistax jiġi limitat għal xi aspetti tiegħu li, anki jekk importanti, weħidhom ma jwasslux il-qalba tat-tagħlim ta' Ġesù".[4]

Għad li l-ħażen jeħtieġ jiġi kkundannat, kif għamel Kristu nnifsu, il-messaġġ tal-Knisja jeħtieġ iwassal tama u fiduċja fit-tjubija ta' Alla biex kull min iħossu mbiegħed minnu, iħoss li Alla mhuwiex imbiegħed minnu. Alla ma jsalvax bil-vjolenza u bil-biża', imma bl-imħabba: "Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom, b'rabtiet ta'

---

[4] Antonio Spadaro, "Intervista a Papa Francesco", *Civiltà Cattolica*, 3918, 19 settembre 2013, Anno 164, 464.

mħabba; u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh, u lejha mmil nitmagħha" (Ħos 11,4). "Il-kelma tal-Vanġelu ma tawtorizzax l-użu tal-forza biex tixtered il-fidi. Anzi hu bil-maqlub: il-qawwa vera tan-Nisrani hi l-qawwa tal-verità u l-qawwa tal-imħabba, li timplika ċaħda ta' kull forma ta' vjolenza. Il-fidi u l-vjolenza ma jmorrux flimkien! Għall-kuntrarju, il-fidi u s-saħħa jmorru flimkien. L-Insara mhumiex vjolenti; huma b'saħħithom. U b'liema forma ta' saħħa? Dik tal-ħlewwa, is-saħħa tal-ħlewwa, is-saħħa tal-imħabba".[5]

10. Il-Knisja, għalhekk, ma tehda qatt ixxandar it-tjubija ta' Alla, li tidher fil-maħfra tiegħu kull darba li aħna nduru lejh: "Il-ħniena ta' Alla hi infinita lejn dawk li jduru lejh b'qalb sinċiera u niedma".[6] Din l-aħbar tal-imħabba u l-maħfra ta' Alla kkaratterizzat il-pontifikat tal-Papa Franġisku sa mill-ewwel Angelus tiegħu: "Ma ninsew qatt din il-kelma: Alla ma jegħja qatt jaħfrilna... il-problema hi li aħna negħjew nitolbu maħfra. Hu ma jegħja qatt jaħfer... Ma negħjew qatt, ma negħjew qatt! Hu l-Missier kollu mħabba li jaħfer dejjem, li għandu dik il-qalb kollha ħniena għalina lkoll".[7] Dan jitlob bidla fil-mentalità, bidla fl-atteġġjamenti u bidla fil-lingwaġġ ta' dawk li jwasslu l-messaġġ tal-Knisja, li hu l-messaġġ tal-Vanġelu: il-bnedmin għandhom bżonn messaġġ ta' tama, li jqawwi l-mixja u jħeġġeġ għal ħajja qaddisa. "Fil-ħajja, Alla jakkumpanja l-persuni, u aħna rridu nakkumpanjawhom skont il-kundizzjoni li fiha jinsabu. Jeħtieġ nakkumpanjaw il-persuni bil-ħniena".[8]

---

[5] Franġisku, *Angelus*, 18 ta' Awwissu 2013.

[6] Franġisku, *Ittra lil min ma jemminx, Papa Franġisku jwieġeb lill-ġurnalista Eugenio Scalfari fuq il-gazzetta "La Repubblica"*, 11 ta' Settembru 2013.

[7] Franġisku, *Angelus*, 17 ta' Marzu 2013.

[8] Antonio Spadaro, "Intervista a Papa Francesco", *Civiltà Cattolica*, 3918, 19 settembre 2013, Anno 164, 463.

11. Matul is-sentejn li ġejjin, il-Knisja f'Għawdex se tiċċelebra l-Viżta Pastorali, li għandha bħala għan ewlieni li l-Knisja twassal l-imħabba, it-tjubija u l-ħniena ta' Alla. Il-Knisja tagħmel dan meta tersaq qrib u tisma' l-karba u l-weġgħa tal-persuni, kemm ta' wliedha u kemm ta' dawk li ma jħossuhomx parti mill-merħla, mingħajr ma tiġġudika lil ħadd, għax Wieħed biss hu l-imħallef (ara Ġak 4,12). Il-Knisja trid tkun lesta toħroġ mill-maqjel u tmur fejn jinsabu n-nagħaġ, għax fejn hemm il-bnedmin, hemm trid tkun il-Knisja: "L-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum, fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kolha li jbatu, huma wkoll l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tad-dixxipli ta' Kristu, u ma hemm ebda ħaġa li hi tassew tal-bniedem li huma wkoll ma jħossuhiex f'qalbhom. Għaliex il-komunità tagħhom hija magħmula minn bnedmin li, magħqudin flimkien fi Kristu, huma mmexxija mill-Ispirtu s-Santu fil-pellegrinaġġ tagħhom lejn is-Saltna tal-Missier u rċevew messaġġ ta' salvazzjoni biex iwassluh lil kulħadd. Għalhekk din il-komunità tħoss ruħha magħquda tassew b'manjiera intima mal-ġens tal-bniedem u mal-istorja tiegħu".[9]

**Is-sagramenti tal-imħabba u tal-fejqan**

12. L-aħbar tat-tjubija ta' Alla fil-ministerjalità tal-Knisja tieħu aspett speċjali fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, speċjalment fl-Ewkaristija u s-sagramenti tal-fejqan. L-Ewkaristija hi s-sagrament per eċċellenza tat-tjubija u tal-maħfra ta' Alla: "Dan l-aspett tal-karità universali tas-Sagrament Ewkaristiku hu mibni fuq l-istess kliem tal-Feddej" – il-ġisem ta' Kristu mogħti għalina u d-demm tiegħu mxerred għall-maħfra tad-dnubiet.[10]

[9] *Gaudium et Spes*, 1.

[10] Ġwanni Pawlu II, *Ecclesia de Eucharistia*, 12.

Filwaqt li jeħtieġ li tibqa' ssir l-istedina għat-tqarbin ta' spiss u ta' kuljum, u tiġi mħeġġa t-tqarbina tax-xewqa,[11] il-Knisja trid turi mħabba speċjali lejn dawk uliedha li, minħabba sitwazzjonijiet partikulari tal-ħajja, ma jistgħux jitqarbnu, u għalhekk iħossuhom imwarrba mill-assemblea liturġika. Kulħadd għandu post fl-assemblea liturġika; ħadd m'għandu jħossu mwarrab mill-Knisja! Għad li f'xi ċirkustanzi partikulari tal-ħajja, xi fidili Nsara ma jkunux jistgħu jersqu għat-tqarbin għax ma jkunux f'għaqda sħiħa mat-tagħlim tagħha, is-sehem tagħhom fis-sagrifiċċju tas-salib, iċċelebrat fil-Quddiesa, għandu valur kbir, kemm għalihom u kemm għall-komunità Nisranija. Għad li ma jitqarbnux, huma xorta jkunu qed jissieħbu fil-ġrajja tal-fidwa u fid-don tal-maħfra li Kristu talab lill-Missier fuq is-Salib, liema maħfra taħdem b'mod misterjuż fil-ġrajja individwali ta' kull persuna: "Anki meta mhux possibbli nersqu għat-tqarbin, il-parteċipazzjoni fil-Quddiesa tibqa' neċessarja, valida, sinifikattiva u tagħti l-frott".[12]

13. Iċ-ċelebrazzjoni unika tal-Quddiesa tippreżenta żewġ ikliet: l-ewwel, l-ikla tal-Kelma ta' Alla, imbagħad l-ikla tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.[13] Kristu ma jagħmilx lilu nnifsu preżenti biss fl-Ewkaristija. Hu diġà preżenti fl-assemblea li tinġabar f'ismu u fil-Kelma mxandra.[14] L-assemblea liturġika ma tiħux sehem fil-Quddiesa biss biex titqarben, imma wkoll biex titmantna bil-Kelma ta' Alla. Il-Kelma ta' Alla wkoll għandha qawwa salvifika, u fil-ħajja tal-Knisja għandha importanza daqs il-mejda tal-Ewkaristija.[15] Għad li jħossu l-weġgħa li ma jistgħux jitrejqu bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, il-fidili Nsara li ma jistgħux jitqarbnu għandhom jiġu mħeġġa jieħdu sehem fil-Quddiesa u jitrejqu bil-

[11] Benedittu XVI, *Sacramentum Caritatis,* 55; Ġwanni Pawlu II, *Ecclesia de Eucharistia,* 34.
[12] Benedittu XVI, *Sacramentum Caritatis,* 55.
[13] *Sacrosanctum Concilium*, 56.
[14] *Sacrosanctum Concilium*, 7.
[15] *Dei Verbum*, 21.

Kelma ta' Alla, li hi sinjal u rahan tal-ħajja tas-Sema u tiddisponi l-qalb għall-konverżjoni u għad-dixxipulat.

Biex tikber il-qima u l-parteċipazzjoni fl-ikla tal-Kelma ta' Alla, hu mixtieq li fil-Quddies tal-Ħadd, wara x-xandir tal-Evanġelju, tidħol id-drawwa li ċ-ċelebrant jagħti l-barka bl-Evanġeljarju lill-ġemgħa miġbura. Imbagħad jinżamm mument qasir ta' skiet. Hu mixtieq li anki wara t-tqarbin jinżamm mument qasir ta' skiet, imbagħad issir it-talba jew jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr.

Biex tikber l-għaqda fost il-ġemgħa preżenti għall-Quddiesa, hu ssuġġerit li f'ċerti okkażjonijiet l-għotja tal-paċi ssir billi dawk preżenti jieħdu b'idejn xulxin.

Il-Grupp tal-Liturġija fil-parroċċi, fuq struzzjonijiet u suġġerimenti tal-Kummissjoni Liturġika Djoċesana, jieħu ħsieb li l-Quddies tal-Ħdud ikun animat sewwa, b'ġesti u kliem adattati u li jħeġġu l-ġemgħa fiċ-ċelebrazzjoni. L-animatur mhux sempliċement jaqra kummentarju. Issir ukoll tħejjija spiritwali tal-letturi u animaturi fuq bażi parrokkjali.

14. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, speċjalment il-Quddiesa tal-Ħadd, għandha tkun iċ-ċentru tal-ħajja tal-komunità Nisranija kollha kemm hi, li fiha ssir l-esperjenza tal-għaqda fost l-aħwa, tissaħħaħ ir-rabta tal-fidi mal-Ġisem Mistiku, u tikber il-ħeġġa għat-talb u għall-karità (ara Atti 2,42). Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa hi azzjoni tal-Knisja kollha kemm hi, u hi mħeġġa l-parteċipazzjoni attiva ta' kull membru tal-komunità. Għal dan il-għan, f'konformità man-normi liturġiċi tal-Knisja, f'dawn is-snin li ġejjin, id-Djoċesi se tistudja l-possibbiltà u l-opportunità pastorali li ssejjaħ xi lajċi biex jaqdu uffiċjalment il-ministeru tal-lettorat u tal-akkolitat.

15. Waqt li tiċċelebra s-sagramenti tal-fejqan – is-Sagrament tal-Maħfra u s-Sagrament tad-Dilka tal-Morda –, il-Knisja twassal it-tjubija ta' Alla lejn il-midneb u lejn il-bniedem marid. Hi meħtieġa attenzjoni speċjali għall-mod kif u l-post fejn jiġu ċċelebrati dawn is-sagramenti.

Għandu jikber l-isforz biex f'kull knisja jkun hemm spazju sagru fejn jiġi ċċelebrat il-Qrar bid-dinjità u l-qdusija li jixirqulu, kif mitlub mill-Pjan Pastorali Djoċesan 2009-2012.[16] Imma hu ferm aktar importanti l-atteġġjament tal-konfessur fil-konfront ta' min jersaq għall-Qrar. "Xi drabi l-Knisja ngħalqet f'affarijiet żgħar, fi preċetti żgħar. L-aktar ħaġa importanti iżda hi l-ewwel aħbar: 'Ġesù Kristu salvak!'. U l-ministri tal-Knisja jridu qabelxejn ikunu ministri tal-ħniena. Il-konfessur, ngħidu aħna, qiegħed dejjem fil-periklu li jkun jew rigorista żżejjed jew laxk iżżejjed. Ebda wieħed minnhom mhu ħanin, għax ħadd minnhom mhu jġorr il-piż tal-persuna. Ir-rigorista jaħsel idejh għax jinħeba wara l-kmandament. Il-laxk jaħsel idejh għax jgħid 'dan mhux dnub', jew ħwejjeġ oħra simili. Il-persuni jeħtieġ ikunu akkumpanjati, il-feriti jeħtieġ jiġi kkurati... Dan hu l-kobor tal-Qrar: il-fatt li tqis każ każ, u tagħmel dixxerniment dwar liema hi l-aħjar ħaġa meħtieġa għal dik il-persuna li qed tfittex lil Alla u l-grazzja tiegħu. Il-konfessjonarju mhux sala tat-torturi, imma l-post tal-ħniena fejn il-Mulej iħeġġiġna nagħmlu l-aħjar li nistgħu".[17]

Fil-kura pastorali mal-morda u l-anzjani li ma joħorġux mid-djar, minbarra t-tqarbin ta' kuljum jew ta' spiss li għandu jsir bl-ikbar imħabba u qima, xieraq li jiġu ċċelebrati wkoll is-sagramenti tal-Maħfra u tad-Dilka tal-Morda, dan tal-aħħar possibbilment bis-sehem tal-familjari. Hu meħtieġ, għalhekk, li l-parroċċa tkun taf

[16] Djoċesi ta' Għawdex, *Fi Kristu ħolqien ġdid*, Pjan Pastorali Djoċesan 2009-2012, 58.

[17] Antonio Spadaro, "Intervista a Papa Francesco", *Civiltà Cattolica*, 3918, 19 settembre 2013, Anno 164, 462-463.

bil-membri kollha tal-komunità li huma morda jew li ma joħorġux mid-dar, biex tkun tista' toffrilhom il-faraġ uman, spiritwali u pastorali.

**Ġustizzja u solidarjetà**

16. Fiż-żjara tiegħu fil-*favelas* ta' Rio de Janeiro matul il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li nżamm fil-Brażil, il-Papa Franġisku stqarr li "il-kobor ta' soċjetà jitqies mill-mod kif hi tieħu ħsieb dawk li huma l-aktar fil-bżonn, dawn li m'għandhom xejn għajr il-faqar tagħhom".[18] Il-Knisja mhux biss ixxandar u tiċċelebra t-tjubija ta' Alla, imma hi msejħa tagħmel għażliet pastorali li jkunu sinjali ċari li jixhdu l-imħabba ta' Alla lejn il-foqra tal-lum. Il-Knisja trid tgħix fejn jgħixu l-bnedmin fil-bżonn, u ġġorr 'ir-riħa tan-nagħaġ'[19] li tagħhom hi qaddejja. Kristu nnifsu għamel l-għażla tal-foqra meta, fis-sinagoga ta' Nazaret, ħabbar il-programm ta' ħajtu mmarkat b'ġesti ta' ħelsien, fejqan u solidarjetà mal-imġarrbin (ara Lq 4,16-19).

17. Il-Knisja taħdem biex ikollna soċjetà aktar inklużiva, immarkata mhux biss mit-tolleranza imma fuq kollox mis-solidarjetà bejn il-persuni, bejn il-pajjiżi u bejn il-bnedmin. Filwaqt li t-tolleranza tfisser li tissaporti persuni li fil-verità ma tkunx tixtieqhom, is-solidarjetà tfisser tilqa' lill-persuna l-oħra, tħarsilha d-dinjità u d-drittijiet fundamentali tagħha, u tgħinha timxi 'l quddiem. Dan l-aħħar fil-medja lokali rajna mewġa ta' kummenti li jixhdu atteġġjamenti mhux biss ta' biża' irrazzjonali imma wkoll razzisti lejn l-immigranti irregolari li qed jaslu f'pajjiżna. Quddiem dan il-fenomenu razzist, il-Knisja trid tagħraf issemma' leħinha biex tiddefendi d-drittijiet fundamentali ta' kull persuna, fir-rispett tar-responsabbiltajiet politiċi u tal-liġijiet lokali u internazzjonali.

---

[18] Franġisku, *Messaġġ*, Żjara lill-Komunità ta' Varginha (Manguinhos), 25 ta' Lulju 2013.
[19] Franġisku, *Omelija*, Quddiesa taż-Żjut, 28 ta' Marzu 2013.

"Anki jekk il-Kattoliċi jistgħu ma jaqblux fil-limiti tal-ġustizzja dwar liema hu l-aħjar mod kif tiġi rriformata s-sistema tal-immigrazzjoni, bħala poplu ta' fidi rridu naqblu bejnietna li ngħixu l-kmandament Bibliku li 'nilqgħu l-barrani' u niddefendu d-dinjità mogħtija minn Alla lil kull persuna".[20]

Quddiem din l-isfida soċjali, kulturali u pastorali, il-Knisja f'Għawdex tħoss aktar minn qabel l-urġenza li tagħti sinjali konkreti, anki jekk żgħar, tal-attenzjoni pastorali tagħha lejn l-immigranti u r-refuġjati li jinsabu fil-gżira tagħna. Għal dan l-għan, twaqqfet Kummissjoni Djoċesana biex tistudja s-sitwazzjoni fil-gżira Għawdxija u tressaq rakkomandazzjonijiet lill-Isqof dwar x'ħidma pastorali hi meħtieġa titwettaq mill-komunità Nisranija f'dan ir-rigward.

18. Il-Knisja tgħix is-solidarjetà wkoll meta tidħol fi djalogu ġenwin ma' dawk li ma jaċċettawx jew ma jħaddnux l-istess twemmin tal-Knisja, jew ma jemmnux f'Alla. Kull bniedem hu ħolqien ta' Alla; kull bniedem hu fundamentalment tajjeb; kull bniedem hu don għall-oħrajn. Illum kiber sew in-numru ta' dawk fostna li, għad li huma Nsara, ma jaqblux għal kollox mat-tagħlim tal-Knisja, speċjalment fi kwistjoni ta' morali. "Ir-reliġjon għandha dritt tesprimi l-opinjoni tagħha f'servizz lill-persuni, imma Alla fil-ħolqien tana l-libertà: l-interferenza fil-ħajja spiritwali personali mhix possibbli".[21] Filwaqt li dan joffri sfida lill-Knisja fit-twettiq tal-evanġelizzazzjoni ġdida, fl-istess ħin dan iż-żmien hu opportunità biex il-Knisja tikber fl-atteġġjament ta' smigħ, u biex tagħmel eżerċizzju ta' dixxerniment interjuri, ħalli tkompli tiġġedded u tikkonverti fl-imħabba u fil-verità, u hekk tkun tista' xxandar b'aktar lealtà l-Vanġelu tas-salvazzjoni.

---

[20] Iowa Catholic Conference, *Statement on immigration reform*, 14 August 2013.
[21] Antonio Spadaro, "Intervista a Papa Francesco", *Civiltà Cattolica*, 3918, 19 settembre 2013, Anno 164, 463.

19. Solidarjetà tfisser ukoll li toktor l-edukazzjoni ċivili kontra l-ħala u l-infiq mhux meħtieġ. Il-ħala hu offiża kontra l-faqar materjali. Fost l-istudenti tal-iskejjel primarji u sekondarji qed jidħol ħafna l-kunċett ta' *"reduce, reuse, recycle"*. Din l-edukazzjoni għandha tmiss ukoll lill-adulti u lill-istess Knisja.

F'diskors li għamel il-Papa Franġisku fis-*Sala della Spoliazione* f'Assisi fl-4 ta' Ottubru 2013, huwa ħeġġeġ lill-Knisja biex tinża' l-"mondanità".[22] Anki dan huwa mezz ta' solidarjetà ma' min m'għandux il-meħtieġ għall-ħajja. Il-Knisja trid tkun minn ta' quddiem fis-solidarjetà ma' dawk li għandhom faqar materjali, mhux biss fit-tqassim tal-flus jew ta' oġġetti bażiċi għall-ħajja, imma wkoll fl-eżempju. Il-Knisja stess tgħix b'ħafna karità, b'dak li tirċievi mingħand il-poplu. Parti mhux żgħira tal-ispejjeż tal-parroċċi hi marbuta mal-festa parrokkjali, speċjalment mal-festi ta' barra. Il-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Għawdex, f'Nota Pastorali li kien ħareġ fl-10 ta' Mejju 2012, kien stqarr li jeħtieġ "ikun hemm iżjed kontroll fl-infiq ta' logħob tan-nar biex jiġu evitati l-eċċessi, li ħafna drabi huma motivati minn piki... Fi żmien ta' ħafna sagrifiċċji ekonomiċi li l-familji jridu jagħmlu, mhux ġust li jintefqu tant flus fil-logħob tan-nar".[23]

Qed ninnutaw li f'dawn l-aħħar snin żdiedu ħafna l-ispejjeż fejn tidħol il-festa ta' barra, speċjalment fil-logħob tan-nar u fid-divertiment organizzat waqt il-marċijiet. Xi drabi dan qed isir bla ebda kontroll jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-parroċċi. Xi drabi qed jinbtu gruppi awtonomi li, bil-ħsieb li jkattru d-divertimenti tal-festi esterni, qed jaħdmu għal rashom u mingħajr riferimenti għall-*policies* tal-Knisja lokali rigward il-festi esterni.

---

[22] Franġisk, *Discorso del Santo Padre Francesco. Incontro con i poveri assistiti dalla Caritas*, Assisi, 4 ottobre 2013.
[23] Kulleġġ tal-Kappillani, *Nota Pastorali dwar il-Logħob tan-Nar fil-Festi*, 10 ta' Mejju 2012.

Jeħtieġ, għalhekk, toktor il-kollaborazzjoni bejn il-partijiet involuti fl-organizzazzjoni tal-festi esterni u jiżdied l-isforz ta' rieda tajba biex tiġi evitata kull ħala u esaġerazzjoni ta' nfiq.

20. Is-solidarjetà tintwera wkoll meta l-Knisja tidħol fi sħab ma' istituzzjonijiet ċivili u organizzazzjonijiet non-governattivi, kemm ta' ispirazzjoni Nisranija u kemm ta' ispirazzjoni lajka, fi proġetti ta' fejda b'risq persuni u familji fi bżonn. Minbarra sitwazzjonijiet ta' faqar tradizzjonali, illum kibret il-firxa ta' sitwazzjonijiet ta' faqar. Fil-passat il-Knisja kienet pjuniera ta' servizzi soċjali b'risq il-foqra, u hekk tkun illum ukoll, mhux għall-glorja tagħha imma biex issir tixbah aktar lill-Imgħallem tagħha u tgħix is-sejħa tagħha ta' "qaddejja tal-umanità":[24] "Il-Knisja hi l-qaddejja tal-bniedem, il-Knisja temmen fi Kristu li ġie fil-ġisem u għalhekk taqdi l-bniedem, tħobb il-bniedem, temmen fil-bniedem".[25]

21. L-atteġġjament ta' solidarjetà jeħtieġ jintwera wkoll fir-rispett lejn l-annimali u l-ambjent. Il-moħqrija tal-annimali m'għandhiex tkun aċċettabbli fis-soċjetà tal-lum. Il-Knisja hi favur żvilupp sostenibbli. Imma l-liġi tal-flus ma tistax tiddetermina l-isfruttament tal-art għall-qligħ. Is-soċjetà tal-lum trid tħossha responsabbli lejn il-ġenerazzjonijiet li ġejjin, sabiex jibqgħu jgawdu s-sbuħija tal-ħolqien.

22. Flimkien mas-solidarjetà, il-Knisja taħdem biex ikun hawn soċjetà aktar ġusta. Is-solidarjetà hi tweġiba meta jonqos il-meħtieġ; l-impenn favur il-ġustizzja hu impenn favur id-dinjità u d-drittijiet fundamentali tal-bnedmin. Fejn mhemmx ġustizzja, lanqas hemm soċjetà solidali. Il-ġustizzja hi l-ewwel skalluna tas-

---

[24] Pawlu VI, *Allokuzzjoni*, L-aħħar sessjoni pubblika tal-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, 7 ta' Diċembru 1965.

[25] Franġisku, *Diskors lill-parteċipanti fil-pellegrinaġġ mid-Djoċesi ta' Brescia*, 22 ta' Ġunju 2013.

solidarjetà. Soċjetà ġusta u solidali jfisser li naħdmu biex jonqsu l-kawżi tal-faqar u jintrebħu l-inġustizzji soċjali. Fl-istess żjara fil-*favelas* ta' Rio, il-Papa Franġisku qal: "Nixtieq insejjaħ lil dawk li f'idejhom għandhom aktar riżorsi, lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-persuni kollha ta' rieda tajba li qed jaħdmu favur il-ġustizzja soċjali: qatt tegħjew taħdmu għal dinja aktar ġusta, immarkata dejjem aktar bis-solidarjetà. Ħadd m'għandu jibqa' indifferenti quddiem l-inugwaljanzi li għadhom preżenti fid-dinja! Ilkoll, skont l-opportunitajiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, jeħtieġ jagħmlu xi ħaġa b'mod personali biex jintemmu tant inġustizzji soċjali".[26]

23. L-ikbar inġustizzja hi l-qerda tal-ħajja umana innoċenti, speċjalment fil-bidu tal-ħajja fil-ġuf. Il-Knisja ma tehda qatt tiddefendi d-dritt għall-ħajja, mill-mument tat-tnissil sal-mewt naturali ta' kull persuna. Il-Knisja ma tistax taċċetta li l-ħajja umana tiġi manipulata jew użata mix-xjenza, fl-ebda fażi tal-eżistenza tagħha.

    Biex tissaħħaħ aktar il-ħidma favur il-ħajja umana sa mill-bidu nett tal-konċepiment, hemm il-ħsieb li jitwaqqaf Segretarjat għall-Ħajja.

24. Il-Knisja tiddefendi d-dinjità tal-persuna umana lil hemm mill-mewt naturali tal-ġisem, meta tagħti qima u rispett lill-ġisem mejjet tal-bniedem. Il-Knisja trid tkun preżenti u takkumpanja l-bniedem fil-mument li fih joqrob lejn il-mewt, u timla bit-tama tal-fidi f'ħajja li ma tintemmx. Il-familji li jġarrbu l-mewt ta' xi ħadd għażiż għandhom isibu l-Knisja u l-ministri tagħha qrib tagħhom, biex jaqsmu magħhom fin-niket u l-biki tat-telfa ta' xi ħadd għażiż.

[26] Franġisku, *Messaġġ*, Żjara lill-Komunità ta' Varginha (Manguinhos), 25 ta' Lulju 2013.

25. Il-Knisja tixhed it-tjubija ta' Alla meta tkun qrib is-sodda tal-morda. Matul is-snin tal-ministeru pubbliku tiegħu, Ġesù kellu mħabba speċjali lejn il-morda u l-familjari tagħhom. Hu mhux biss fejjaq il-mard, imma wera solidarjetà kbira u attenzjoni speċjali għall-morda. Il-Knisja għandha stima kbira tal-familjari u tal-professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-kura u tal-fejqan, u tinkuraġġihom fil-ħidma tagħhom. Fl-Itta Pastorali tiegħu fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Mtellgħa fis-Sema (2013), l-Isqof Grech fisser il-ħtieġa li jkollna "Knisja qrib il-morda". Għal dan il-għan, id-Djoċesi tixtieq tagħmel riforma fil-pastorali fl-isptar. L-Isqof wera x-xewqa tiegħu li "fid-Djoċesi nieħdu b'aktar impenn il-pastorali mal-morda". Hu għalhekk għamel stedina lill-komunitajiet parrokkjali "biex, filwaqt li jsaħħu l-ħidmiet li diġà qed isiru b'risq il-morda, jieħdu aktar inizjattivi f'dan il-qasam biex il-Knisja tkun verament qrib kemm tal-bniedem sofferenti u kemm tal-familji fejn hemm il-mard".[27] Hi xewqa tal-Knisja f'Għawdex li fil-parroċċi jibda l-proġett tal-*parish nursing*.

26. Il-Knisja hi sinjal tat-tjubija ta' Alla fis-servizz li toffri lit-tfal u lill-familji permezz tal-iskejjel tagħha, permezz tal-*Family Counselling Centre*, u l-kura li toffri lill-anzjani u lill-persuni b'diżabbiltà fid-djar jew strutturi mmexxija minnha. Minkejja d-diffikultajiet finanzjarji mhux żgħar li l-Knisja tiltaqa' magħhom fit-tmexxija ta' dawn l-istituzzjonijiet, il-Knisja ma tiqafx tinvesti riżorsi finanzjarji u umani biex individwi u familji jsibu għajnuna, sostenn, kenn u serħan. Fit-tliet snin li ġejjin, permezz tal-Kummissjoni Djoċesana Persuni b'Diżabbiltà, il-Knisja f'Għawdex se tkompli taħdem biex kull post tal-Knisja jkun aċċessibbli għal persuni anzjani, persuni li jużaw *wheelchairs* jew persuni oħra li għandhom diffikultajiet biex jitilgħu turġien. Barra minn hekk, inħeġġu biex aktar knejjes, speċjalment fejn jinġabru

[27] Mario Grech, *Knisja qrib il-morda*, Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, Awwissu 2013.

komunitajiet numerużi, jistallaw il-*loop system* li tiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-liturġija ta' min għandu nuqqas ta' smigħ.

27. Il-Knisja tgħix is-sejħa għall-imħabba lejn il-foqra tad-dinja fil-ħidma tagħha missjunarja. Il-Knisja f'Għawdex tkompli trawwen vokazzjonijiet missjunarji, biex ma jonqsu qatt is-saċerdoti, ir-reliġjużi, il-persuni kkonsagrati u l-lajċi Għawdxin li jħallu pajjiżhom u jservu l-fqar madwar id-dinja. Għal dan il-għan, il-Knisja tinkuraġġixxi l-ħidma tal-gruppi ta' ispirazzjoni missjunarja fl-impenn tagħhom biex il-komunità Nisranija tibqa' tkun ġeneruża mal-Missjonijiet u mal-missjunarji, u biex ikun hawn aktar persuni, speċjalment żgħażagħ, li fix-xhur tas-sajf jew għal aktar żmien jagħmlu esperjenzi missjunarji barra minn xtutna.

28. Bl-istess mod, il-Knisja tkompli tispira u twettaq ħidma ta' volontarjat f'pajjiżna u barra minn pajjiżna favur il-foqra tal-lum. Għalhekk, il-Knisja tibqa' ssostni l-organizzazzjonijiet ta' karità, sew ta' ispirazzjoni Nisranija u anki oħrajn, li jaħdmu b'risq min hu l-aktar fil-bżonn. Iż-żgħażagħ huma minn ta' quddiem fil-ġenerożità u fis-solidarjetà lejn l-emarġinati tas-soċjetà. Il-Knisja tibqa' tinkuraġġixxi u tgħin biex aktar żgħażagħ Għawdxin iwettqu esperjenzi ta' volontarjat, u joffru parti mill-vaganzi tagħhom f'servizz ta' mħabba u karità. Fil-formazzjoni li tingħata lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ fil-komunitajiet Insara, għandu jingħata aktar spazju għal esperjenzi ta' volontarjat, biex jikber l-ispirtu ta' solidarjetà lejn il-fqar u l-batuti. L-Għaqdiet u l-Movimenti ekkleżjali, partikularment dawk li għandhom l-impenn tal-appostolat, huma mħeġġa jkattru l-appostolat tal-karità kemm fuq livell parrokkjali u kemm fuq livell djoċesan.

29. Fil-ħidma ta' katekeżi mat-tfal, żgħażagħ u adulti, imdawla mill-Vanġelu u mill-Maġisteru tal-Knisja universali, il-Knisja f'Għawdex temmen li qed toffri servizz ukoll lis-soċjetà, għax tgħin biex l-Insara jissawru f'ċittadini responsabbli li, bil-ħiliet u l-

vokazzjoni propja tagħhom, jikkontribwixxu għall-progress tas-soċjetà fejn kull individwu jsib il-progress personali tiegħu.

*It-tieni parti*

# *"X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"*

**Il-primat tal-grazzja**

30. Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb, ġie biex aħna jkollna l-ħajja bil-kotra (ara Ġw 10,10). Il-ħajja li jagħti Ġesù mhix biss dik li għandha x'taqsam mal-ħajja fiżika u materjali, li wkoll hi don sabiħ ta' Alla; Ġesù jrid iwassal lill-bnedmin lejn il-ħajja li ma tintemmx fis-Saltna tal-Missier. Is-sejħa li jagħmel Ġesù, għalhekk, hi sejħa biex nieħdu sehem mill-ħajja tiegħu ta' Alla. Biex nagħmlu dan, irridu nfittxu l-"primat tal-grazzja",[28] jiġifieri li aħna nagħrfu li l-ħajja tagħna tagħmel sens veru meta hi f'relazzjoni ma' Alla. Il-ħajja tal-grazzja tikber fina jekk inniżżlu l-għeruq tagħna fi Kristu permezz tat-talb. It-talb "ifakkarna kontinwament fil-primat ta' Kristu u, f'għaqda miegħu, fil-primat tal-ħajja interjuri u tal-qdusija".[29] Il-Papa Ġwanni Pawlu II jafferma li l-qdusija u t-talb ma jkollhomx qawwa jekk aħna ma nkunux midħla tal-Kelma ta' Alla.[30] Għalhekk il-Knisja tistieden lill-Insara kollha – saċerdoti, persuni kkonsagrati u lajċi – biex jitħeġġu fil-qdusija, billi jikbru fit-talb u fl-imħabba għall-Kelma ta' Alla.

**Il-kuxjenza morali**

31. Il-ħajja ta' dejjem hi don ta' Alla, imma titlob ukoll impenn mill-bniedem. L-impenn iseħħ kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja interjuri – ir-relazzjoni ma' Alla – u kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja esterjuri – ir-relazzjoni mal-oħrajn –, jiġifieri

[28] Ġwanni Pawlu II, *Novo Millennio Ineunte*, 38.
[29] *Ibid*.
[30] *Ibid*, 39.

fit-twettiq tad-dmirijiet u responsabbiltajiet personali u kollettivi. Il-mistoqsija li r-raġel tal-Vanġelu jagħmel lil Ġesù – "X'għandi nagħmel?" – turi li quddiem kull ġrajja salvifika, il-bniedem irid jagħmel għażla morali bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, bejn dak li jista' jsir u dak li ma jistax isir. Fil-fond ta' qalbu l-bniedem jagħraf liġi (ara Rum 2,15) li tgħidlu li mhux kollox jista' jsir, li hemm limitu morali għal dak li jista' jagħmel il-bniedem meta jeżerċita d-don tal-libertà tal-kuxjenza. Ir-rakkont tal-ħolqien jippreżenta lill-bniedem bħala sid flimkien ma' Alla tal-ġid tal-univers, imma mhuwiex sid assolut (ara Ġen 3).

32. Waħda mill-isfidi l-kbar ta' żminijietna hija marbuta mal-libertà tal-kuxjenza individwali. Il-libertà tal-kuxjenza individwali hi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem[31] li jħarsu d-dinjità tal-persuna umana. Sa fejn tasal il-libertà individwali? Hemm limiti morali jew etiċi għal dak li jista' jagħmel il-bniedem? Hemm verità oġġettiva li torbot il-bnedmin kollha, u mhux biss l-Insara? U min hu Kattoliku, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja morali, jista' jagħżel li jmur kontra t-tagħlim tal-Maġisteru tal-Knisja?

33. Il-Papa Benedittu XVI tkellem diversi drabi fuq ir-riskju tar-relattiviżmu morali li, għax ma jagħraf xejn bħala definittiv, iħalli kollox f'idejn l-aptit individwali: "Il-libertà hi valur prezzjuż, imma wieħed fraġli; tista' ma tinftiehemx tajjeb u tintuża ħażin... Biex jeżerċita tassew il-libertà tiegħu, għalhekk, il-bniedem irid imur lil hemm mill-orizzont relattivistiku u jasal biex jagħraf il-verità dwaru nnifsu u l-verità dwar dak li hu tajjeb u ħażin. Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jiskopri liġi li hu ma tax lilu nnifsu, imma li hu jrid jobdi. Il-leħen tagħha jgħidlu biex iħobb u jagħmel dak li hu tajjeb, jevita l-ħażin u jassumi r-responsabbiltà għat-

[31] Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, *Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*, Art. 18 (10 ta' Diċembru 1948).

tajjeb u għall-ħażin li jagħmel. Għalhekk, l-eżerċizzju tal-libertà hu marbut intimament mal-liġi morali naturali, li għandha karattru universali, tesprimi d-dinjità ta' kull persuna u tifforma l-bażi tad-drittijiet u tad-dmirijiet umani fundamentali".[32] Minkejja l-oppożizzjoni li ltaqa' magħha l-Papa Benedittu, għax mhux kulħadd jaċċetta l-idea ta' liġi morali naturali jew ta' verità oġġettiva, kien hemm min saħansitra hu ateu li stqarr li l-Papa kellu raġun dwar il-perikli tar-relattiviżmu morali fid-dinja tal-lum.[33]

34. F'ittra li bagħat lill-gazzetta Taljana *La Repubblica*, il-Papa Franġisku afferma mill-ġdid ir-rwol tal-kuxjenza individwali fil-mixja tal-bniedem lejn Alla. Għall-mistoqsija jekk Alla jaħfirx lil min ma jemminx, il-Papa jistqarr li min ma jemminx għandu jimxi mal-kuxjenza tiegħu meta tagħraf tagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin: "Min ma jemminx f'Alla għandu jobdi lill-kuxjenza tiegħu. Id-dnub, anki għal min hu bla fidi, jinsab meta wieħed imur kontra l-kuxjenza tiegħu. Tisma' u tobdi l-kuxjenza jfisser, fil-fatt, li wieħed jagħmel għażla quddiem dak li wieħed iqis bħala tajjeb jew bħala ħażin. Hu fuq din id-deċiżjoni li jiġi determinat jekk l-azzjonijiet tagħna humiex tajbin jew ħżiena".[34]

35. Teżisti verità assoluta li tobbliga lil kulħadd l-istess? Jew l-individwu jista' jiddeċiedi skont kif iħoss? Għall-mistoqsija jekk hemmx verità assoluta inkella ħafna veritajiet relattivi u suġġettivi, il-Papa Franġisku jwieġeb: "Skont il-fidi Kristjana, il-verità tinsab fl-imħabba li Alla għandu għalina permezz ta' Ġesù

[32] Benedittu XVI, *Nedukaw iż-żgħażagħ fil-ġustizzja u l-paċi, Messaġġ għall-Jum Dinji tal-Paċi*, 1 ta' Jannar 2012.
[33] Toby Young, *Pope Benedict XVI is right about the dangers of moral relativism*, http://blogs.telegraph.co.uk/news/tobyyoung/100202482/pope-benedict-xvi-is-right-about-the-dangers-of-moral-relativism/.
[34] Franġisku, *Ittra lil min ma jemminx, Il-Papa Franġisku jwieġeb lill-ġurnalista Eugenio Scalfari fuq il-gazzetta "La Repubblica"*, 11 ta' Settembru 2013.

Kristu. Għalhekk, il-verità hi relazzjoni! Fil-fatt, aħna nirċievu l-verità u nesprimuha minn ġewwa, jiġifieri nitilqu mill-istorja personali, il-kultura tiegħu u s-sitwazzjoni li fihom wieħed jinsab, eċċ. Dan ma jfissirx li l-verità tista' tinbidel u hi suġġettiva, anzi bil-maqlub. Imma jfisser li l-verità tasal għandna dejjem u biss bħala mixja u ħajja. Ma qalx forsi Ġesù stess: 'Jien it-triq, il-verità, il-ħajja'? Fi kliem ieħor, peress li l-verità hi ħaġa waħda mal-imħabba, hemm bżonn l-umiltà u l-apertura biex wieħed ifittixha, jilqagħha u jesprimiha".[35] Għan-Nisrani li jemmen f'Ġesù, il-verità hi marbuta mal-istess persuna ta' Ġesù.

**Il-Kmandamenti**

36. It-tweġiba ta' Ġesù fil-ġrajja ta' San Mark (ara Mk 10,17-22) tpoġġi lill-bniedem quddiem il-Kmandamenti, l-essenza tal-liġi morali Biblika. Benedittu XVI jgħid: "Il-Kristjaneżmu hu aktar u xi ħaġa differenti minn kodiċi morali, minn serje ta' obbligi u ta' liġijiet. Il-Kristjaneżmu hu d-don ta' ħbiberija li tibqa' fil-ħajja u fil-mewt: 'Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, imma ħbieb' (ara Ġw 15,15), jgħid il-Mulej lid-dixxipli tiegħu. Aħna nafdaw f'din il-ħbiberija. Imma propju għaliex il-Kristjaneżmu hu aktar minn sistema morali, għax hu ħbiberija, propju minħabba f'hekk iġorr fih innifsu qawwa morali kbira, li tant għandna bżonnha llum quddiem l-isfidi ta' żminijietna. Jekk flimkien ma' Ġesù Kristu u mal-Knisja tiegħu naqraw b'mod dejjem ġdid l-Għaxar Kelmiet tas-Sinaj, u ninżlu fil-fond tagħhom, allura nilmħu quddiemna tagħlim kbir, validu u permanenti. L-Għaxar Kelmiet huma qabelxejn 'iva' lil Alla, lil Alla li jħobbna u jmexxina, li jġorrna u fl-istess waqt iħallina fil-libertà, anzi jagħmel li l-libertà tkun vera (l-ewwel tliet kmandamenti). L-Għaxar Kelmiet huma 'iva' lill-familja (ir-raba' kmandament), 'iva' lill-ħajja (il-ħames kmandament), 'iva' għal imħabba responsabbli (is-sitt kmandament), 'iva' għas-solidarjetà, għar-responsabbiltà soċjali

[35] *Ibid.*

u l-ġustizzja (is-seba’ kmandament), ‘iva’ għall-verità (it-tmien kmandament), u ‘iva’ għar-rispett lejn l-oħrajn u lejn il-propjetà tagħhom (id-disa’ u l-għaxar kmandament). Bil-qawwa tal-ħbiberija ma’ Alla l-ħaj, aħna ngħixu din l-‘iva’ multipla u fl-istess ħin inżommu l-Għaxar Kelmiet bħala sinjal fil-mixja tagħna fid-dinja llum”.[36]

37. Waqt li kien qiegħed jagħmel katekeżi dwar il-Knisja Omm, li tgħallem lil uliedha t-triq tal-ħajja, il-Papa Franġisku tkellem ukoll dwar il-Kmandamenti: “Il-Knisja... torjenta ħajjitna, hi tgħallimna kif nimxu fit-triq it-tajba. Aħsbu fuq l-Għaxar Kmandamenti: huma juruna t-triq li fiha jeħtieġ nimxu biex nimmaturaw, biex ikollna ċertezzi fl-imġiba tagħna. Il-Kmandamenti huma frott it-tjieba, l-imħabba ta’ Alla li tahomlna. Intom tistgħu tistaqsuni: imma dawn huma kmandi! Huma ġabra ta’ ‘le’! Jien nixtieq nistedinkom taqrawhom... u mbagħad taħsbu dwarhom b’mod pożittiv. Taraw kif il-Kmandamenti għandhom x’jaqsmu mal-mod ta’ kif inġibu ruħna ma’ Alla, magħna nfusna u mal-oħrajn... Il-Kmandamenti jistednuna biex ma nagħmlux idoli materjali li mbagħad jirrenduna lsiera, ifakkruna f’Alla, jgħallmuna nuru rispett lejn il-ġenituri tagħna, inkunu onesti, nirrispettaw lill-oħrajn... Ippruvaw ħarsu lejhom b’dan il-mod u qisuhom bħallikieku kienu l-kelmiet, it-tagħlim li l-omm tagħtina biex aħna nimxu ’l quddiem fil-ħajja. Omm qatt ma tgħallem dak li hu ħażin, għax trid biss il-ġid tal-ulied, u hekk ukoll tagħmel il-Knisja”.[37]

### Il-Kmandament il-Ġdid tal-imħabba

38. It-Testment il-Ġdid jurina li l-Kmandamenti huma fuq kollox għażla libera u radikali ta’ mħabba, liema mħabba tirrifletti

---

[36] Benedittu XVI, *Omelija* quddiem il-Bażilika ta’ Mariazell, l-Awstrija, is-Sibt 8 ta’ Settembru 2007.
[37] Franġisku, *Udjenza Ġenerali*, 18 ta’ Settembru 2013.

ruħha fl-imħabba unika lejn Alla u lejn il-proxxmu (ara Lq 10,25-37). Din l-imħabba li ta xhieda għaliha Ġesù sa bil-mewt tiegħu fuq is-Salib, hija mfissra bħala "kmandament ġdid" (Ġw 13,34) li kien sa "mill-bidu" (ara 1 Ġw 2,7; 2 Ġw 1,5). San Pawl jistqarr li l-imħabba (lejn il-proxxmu) tiġbor fiha l-Liġi Biblika kollha (ara Gal 5,14). Il-liġi l-ġdida tal-imħabba tant hi qawwija li Santu Wistin wasal biex jistqarr: "Ħobb, u agħmel li trid".[38] Dan ma jfissirx permess ta' libertinaġġ, jew eżaltazzjoni tal-emozzjoni, imma sejħa ta' responsabbiltà quddiem il-ġid veru tal-proxxmu. L-imħabba ma tistax tiġi mifruda mir-responsabbiltà personali u soċjali, u allura mid-dimensjoni etika u morali.

## Id-Diskors tal-Muntanja

39. Biex nifhmu aktar fil-fond ir-radikalità tal-imħabba "il-ġdida" li xandar Ġesù, irridu nirriflettu fuq id-Diskors tal-Muntanja, speċjalment is-silta tal-Beatitudnijiet (ara Mt 5,3-12), meqjusa bħala l-*Magna Carta* tal-Kristjanità: "Il-Beatitudnijiet ifissru kif għandu jkun in-Nisrani: huma r-ritratt tad-dixxiplu ta' Ġesù, ir-ritratt ta' dawk li laqgħu s-Saltna ta' Alla u li jixtiequ li l-ħajja tagħhom tkun taqbel ma' dak li jitlob il-Vanġelu".[39] Hu diskors għal kollox radikali, li jaqleb ta' taħt fuq il-loġika tad-dinja. Biex nifhmu l-loġika tal-Vanġelu u npoġġuha fil-prattika, irridu nilbsu lil Kristu (ara Rum 13,14) biex insiru bniedem ġdid fih (ara Ef 4,24). In-Nisrani jaf li hu jrid jaqra l-ħajja u l-ġrajjiet tiegħu u ta' madwaru mdawwal minn Kristu.

## Il-ħtieġa tal-etika

40. It-tweġiba għall-ħażen li hawn fid-dinja u madwarna hi li nagħmlu t-tajjeb: il-ħażen jintrebaħ bit-tajjeb: "Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb" (Rum 12,21). Il-ħażen

---

[38] Santu Wistin, Omelija 7, Kumment fuq l-Ittra ta' San Ġwann, 8.
[39] Ġwanni Pawlu II, *Messaġġ*, Ċerimonja ta' Merħba, Is-17-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ, Toronto, il-Kanada, 25 ta' Lulju 2002.

morali jmiss mhux biss il-persuna li twettqu, imma wkoll is-soċjetà u l-komunjoni bejn il-bnedmin. Xi drabi l-ħażen tant jitqawwa, li jieħu sura ta' struttura soċjali, isir parti integrali mis-sistema tas-soċjetà. Quddiem tant skandli li seħħew fid-dinja f'dawn l-aħħar snin – skandli fl-ekonomija, fil-politika, fl-ekoloġija, fix-xogħol, fit-traffikar ta' persuni, fil-Knisja... – ħafna kienu dawk li għamlu appelli biex is-soċjetà terġa' tirkupra d-dimensjoni etika u morali tagħha. L-etika mhix marbuta ma' reliġjon partikulari, imma hi marbuta mal-verità tal-bniedem stess. Il-Knisja ma tivvintax veritajiet imma ddawwal il-ħajja morali tal-bniedem għax tpoġġiha f'relazzjoni wkoll ma' Alla.[40] Hi meħtieġa, għalhekk, kuxjenza etika fil-ħajja privata, fil-ħajja soċjali, fil-ħajja professjonali, fil-ħajja politika, fil-qasam finanzjarju... F'kelma waħda, b'sens ta' libertà u responsabbiltà, jeħtieġ li kull bniedem jgħix etikament tajjeb kemm fil-ħajja privata u kemm fil-ħajja pubblika tiegħu.

41. In-Nisrani jrid iħoss sejħa speċjali biex jgħix moralment tajjeb b'konvinzjoni u b'fidi. Għan-Nisrani, din ir-responsabbiltà hi frott mhux biss tad-dinjità umana tiegħu, imma wkoll tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla fi Kristu f'għaqda mal-Knisja. Is-sejħa għall-qdusija mhix limitata biss għal ħajja ta' talb personali jew għall-Quddiesa ta' nhar ta' Ħadd. Is-sejħa għall-qdusija "hi għażla mimlija b'ħafna konsegwenzi. Timplika l-konvinzjoni li, peress li l-Magħmudija ddaħħalna fil-qdusija ta' Alla permezz tal-għaqda ma' Kristu u tal-Ispirtu tiegħu li jgħammar fina, tkun kontradizzjoni li ngħixu ħajja ta' medjokrità, immarkata b'etika minimalista u reliġjożità tal-wiċċ. Meta tistaqsi lill-katekumeni: 'Tixtieq tirċievi l-Magħmudija?' ifisser fl-istess ħin tistaqsihom: 'Tridu ssiru qaddisin?'. Ifisser tqiegħed quddiemhom in-natura

[40] Ara Benedittu XVI, *Caritas in Veritate*, 45.

radikali tad-Diskors tal-Muntanja: ‘Kunu perfetti bħalma hu perfett Missierkom tas-Sema’” (Mt, 5,48).[41]

Is-sejħa għall-qdusija tmiss il-ħajja kollha – fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, fid-dinja... Il-ħajja ta’ kuljum tan-Nisrani ssir parti mix-xhieda tal-fidi li kull dixxiplu jrid jagħti. Ma jfissirx li n-Nisrani hu perfett, li hu aħjar minn oħrajn. In-Nisrani jaf li hu f’mixja, immarkata wkoll mid-dnub u d-dgħufija. Imma jħares dejjem lejn Kristu, li hu l-għajn tal-qdusija: “M’iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross ’il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili. Ħuti, ma jidhirlix li dan ġa lħaqtu; imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa ’l ta’ warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri ’l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù” (Fil 3,12-14).

[41] Ġwanni Pawlu II, *Novo Millennio Ineunte*, 31.

*It-tielet parti*

## *“Bigħ kollox u agħtih lill-foqra”*

42. Tgħix il-kelma ta’ Ġesù mhix ħaġa ħafifa. L-Appostli u d-dixxipli tal-Mulej diversi drabi ħassew kliem Ġesù diffiċli biex jaċċettawh jew jifhmuh (ara Ġw 6,60-69; ara wkoll Mk 9,32; Lq 2,50; Ġw 20,9). Sabha diffiċli wkoll ir-raġel li mar jiġri ħdejn Ġesù, imxennaq għall-ħajja ta’ dejjem, hekk li “telaq b’qalbu sewda” (Mk 10,22).

Tidħol fis-Saltna ta’ Alla jfisser tgħaddi mill-“bieb id-dejjaq” (Lq 13,24), li hu l-istess Ġesù, li qal: “Jien hu l-bieb” (Ġw 10,9). “Il-fidi mhix element tat-tiżjin jew ornamentali; tgħix il-fidi ma jfissirx iżżejjen il-ħajja bi ftit reliġjon, bħallikieku kien kejk u aħna nżejnuh bil-krema. Le, din mhijiex il-fidi. Il-fidi tfisser tagħżel lil Alla bħala l-kriterju u l-bażi tal-ħajja, u Alla mhuwiex vojt, mhuwiex newtrali, Alla hu dejjem pożittiv, Alla hu mħabba, u l-imħabba hi pożittiva! Minn mindu Ġesù ġie fid-dinja mhuwiex possibbli taġixxi bħallikieku aħna ma nafux lil Alla, jew bħallikieku kien xi ħaġa astratta, vojta, jew riferiment purament nominali. Le, Alla għandu wiċċ ta’ veru, għandu isem: Alla hu ħniena, Alla hu fedeltà, hu ħajja li tingħata għalina lkoll. Għal din ir-raġuni Ġesù jgħid: ‘Jien ġejt biex inġib il-firda’. Dan ma jfissirx li Ġesù jixtieq jifred il-bnedmin. Bil-maqlub, Ġesù hu l-paċi tagħna, hu r-rikonċiljazzjoni tagħna! Imma din il-paċi mhijiex il-paċi tal-qabar, mhijiex newtralità, Ġesù ma jġibx newtralità, din il-paċi mhijiex kompromess akkost ta’ kollox. Timxi wara Ġesù jfisser tirrinunzja għall-ħażen u l-egoiżmu u tagħżel it-tajjeb, il-veru u l-ġustizzja,

anki meta dan jitlob sagrifiċċju u ċ-ċaħda tal-istess interessi tagħna".[42]

Min jixtieq il-ħajja ta' dejjem ma jistax iħobb bil-kejl. Trid tkun lest tħobb b'mod sħiħ, anki jekk dan jista' jagħmlek dgħajjef f'idejn min tħobb, bħalma sar dgħajjef Alla meta sar bniedem għall-imħabba tal-bnedmin. Dak li f'għajnejna jista' jidher diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli (ara Mt 19,26), jista' jsir bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1,8).

43. Il-fundament tal-antropoloġija Nisranija hu li l-bniedem, maħluq minn Alla, hu magħmul għall-oħrajn u mhux għalih innifsu biss. Il-bniedem hu magħmul biex iħobb, u allura biex jidħol f'relazzjoni. L-imħabba toħroġ minnek u tmur lejn xi ħadd ieħor biex tiġġenera l-ħajja. L-imħabba lejn l-oħrajn issir il-kejl ta' kemm wieħed kapaċi jħobb tassew. Il-Kmandamenti jidħlu f'din il-loġika ta' mħabba lejn l-oħrajn, b'mod partikulari lejn il-foqra l-ġodda tal-lum. Ir-raġel tal-Vanġelu stqarr li kien ilu josserva l-Kmandamenti sa minn żgħożitu. Imma issa ma kienx lest jagħmel il-pass deċiżiv biex jidħol fil-ħajja ta' dejjem. Ma kienx lest jagħti kollox lill-foqra għall-imħabba ta' Ġesù.

[42] Franġisku, *Angelus*, 18 ta' Awwissu 2013.

*Ir-raba' parti*

## *"Ejja warajja"*

44. L-aħħar kelma ta' Ġesù lir-raġel tal-Vanġelu kienet stedina biex jimxi warajh. Din l-istedina tibqa' tidwi fl-istorja. Ġesù ma jieqaf qatt isejjaħ... anki meta aħna ma nisimgħuhx, jew saħansitra nagħżlu triq oħra li tbegħedna minnu. F'Ġesù, Alla ma jieqaf qatt isejjaħ lil kull bniedem biex jidħol f'intimità miegħu, jilqa' l-grazzja tiegħu u jgħix fih. Imma Alla jibqa' jħares u jiggarantixxi l-libertà sħiħa tagħna... anki jekk nagħżlu li ngħidu 'le' għas-sejħa tiegħu.

45. Kif l-ilma tax-xita jinbidel f'ikel li jgħin lis-siġar jipproduċu l-frott propju tagħhom, hekk is-sejħa ta' Ġesù ssib l-għeruq fl-istorja personali ta' kull bniedem li jsir "dixxiplu tas-Saltna" (Mt 13,52). Ilkoll imsejħin biex, fil-ħajja tagħna niskopru s-sejħa ta' Ġesù u nagħmluha programm tal-ħajja tagħna. Dan jitlob impenn personali ta' responsabbiltà u ta' konverżjoni kontinwa. Ma nistgħux nimxu wara Ġesù mill-bogħod, mingħajr impenn personali. Ma nistgħux nimxu wara Ġesù jekk m'aħniex lesti ngħidulu "iva".

It-triq li Ġesù jindika f'din is-silta tal-Vanġelu tgħaddi mill-ħarsien tal-Kmandamenti. Tħares il-Kmandamenti jfisser "tħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha" u "lil għajrek bħalek innifsek" (ara Mk 12,30-31). Hi t-triq tal-imħabba, speċjalment l-imħabba lejn il-fqar. L-imħabba tal-Vanġelu tmur lil hemm mill-preċetti morali u mis-sentimenti tal-mument. Hi mħabba totali, sħiħa u fidila. Hi mħabba li ssalva u mhux tikkundanna, li tibni u mhux

tħott, li terfa' u mhux tgħaffeġ, li taħfer u mhux li tpatti. Hi mħabba li tagħti kollox, għax tagħti lilha nfisha.

## *Il-ħames parti*

# *“Xeħet fuqu ħarsa ta’ mħabba”*

46. Ġesù “xeħet fuqu ħarsa ta’ mħabba” (Mk 10,21). Hi l-istess ħarsa li saħħret lil Pietru biex sar dixxiplu tal-Messija (ara Ġw 1,42); hi l-istess ħarsa li biddlet il-qalb ta’ Pietru wara li għal tliet darbiet kien ċaħad lill-Imgħallem tiegħu (ara Lq 22,61). Il-ħarsa ta’ mħabba ta’ Ġesù għadha tiltaqa’ mal-bniedem tal-lum biex tistiednu jilqa’ l-kelma tiegħu u jimxi warajh. Hi l-istess ħarsa ta’ mħabba li l-Knisja hi msejħa tixhed fid-dinja tal-lum, hi u timla l-umanità bit-tama tal-ħajja ġdida tas-Saltna tas-Smewwiet.

47. Il-Knisja tħares lejn Marija, il-mara li fuqha l-Mulej xeħet il-ħarsa tiegħu kollha mħabba (ara Lq 1,48). Marija laqgħet is-sejħa ta’ Alla, biegħet kollox u saret fqira meta wieġbet “iva” biex timtela bl-Imħabba inkarnata (ara Lq 1,38). Hi l-mara li għamlet minn ħajjitha pellegrinaġġ wara Ġesù u hekk saret dixxiplu tas-Saltna... anki f’dawk il-mumenti fejn ma fehmitx biżżejjed dak li Binha kien qiegħed jagħmel. Bħal Marija, il-Knisja titgħallem tfittex il-ħarsa ta’ Ġesù, tikkontemplah u timtela bih, biex tkun tista’ ssir rifless u eku tal-imħabba u l-ħniena ta’ Alla fid-dinja. Bħal Marija, il-Knisja tistieden lill-bnedmin biex jagħmlu dak li jgħid Ġesù (ara Ġw 2,5), u xxandar il-kmandament il-ġdid tal-imħabba bħala t-triq għal umanità ġdida. Bħal Marija, il-Knisja tingħata kollha kemm hi lil Alla fis-servizz tal-bnedmin, speċjalment tal-foqra tal-lum, biex timxi magħhom fit-triq tal-ħajja ta’ dejjem.

Marija, ix-Xebba kollha ħniena, tgħallimna kif inħarsu lejn xulxin bħala aħwa. “Tul il-mixja tagħna, li spiss hi diffiċli, m’aħniex weħidna. Aħna ħafna, aħna poplu, u l-ħarsa tal-Madonna

tgħinna naraw lil xulxin bħala aħwa. Ejjew inħarsu lejn xulxin dejjem aktar bħala aħwa! Marija tgħallimna kif ikollna ħarsa li tilqa', takkumpanja, tipproteġi. Nitgħallmu nħarsu lejn xulxin bl-istess ħarsa materna ta' Marija! Hemm persuni li istintivament nikkunsidrawhom inqas imma li għandhom bżonn akbar: dawk imwarrba, il-morda, dawk li m'għandhomx biex jgħixu, dawk li ma jafux lil Ġesù, żgħażagħ li jsibu ruħhom f'diffikultà, persuni li ma jistgħux isibu xogħol. Ma nibżgħux noħorġu u nħarsu lejn ħutna bl-istess ħarsa tal-Madonna: hi tistedinna nkunu aħwa ta' xulxin. U ma nħallu ebda ħaġa u ebda persuna tidħol bejna u l-ħarsa tal-Madonna... Ma nħallux li tinsterqilna l-ħarsa ta' Marija, li hi mimlija tjieba, li timliena bil-qawwa, li tagħmilna solidali ma' xulxin".[43]

[43] Franġisku, *Omelija*, Quddiesa quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Bonaria, Cagliari, 22 ta' Settembru 2013.


IN FRACTIONE PANIS